Minuti tal-Laqgħa nru 52 (kontinwazzjoni) tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li ġiet imsejħa għal nhar il-Hamis 24 ta' Marzu 2011 fis-7.00 p.m.

Il-laqgħa bdiet fis-7.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsillieri kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa l-laqgħa tal-kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 7.25 | 8.25 |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 7.20 | 8.25 |
| Kunsillier Joseph DeMartino | 7.25 | 8.25 |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.25 | 8.25 |
| Kunsillier Dr Shirley Farrugia | 7.25 | 8.25 |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.25 | 8.25 |
| Kunsillier Paul Agius | 7.25 | 8.25 |
| Kunsillier Kirby Fenech | 7.40 | 8.25 |
| Kunsillier Christopher Grech | 7.35 | 8.25 |
| Kunsillier David Meilak | 7.25 | 8.25 |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | 7.10 | 8.25 |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur Noel Cini kien preżenti għal-laqgħa.

**1.00 Tender dwar Sevizz ta' Youth Worker (Rapport tal-bord tal-aġġudikazzjoni)**

1.01 Is-Sindku qara l-minuti li kienu saru waqt il-laqgħa tal-bord tal-aġġudikazzjoni u ta spjegazzjoni dwar dan is-servizz.

1.02 Il-Perit Alfred Grech, l-espert tal-Kunsill dwar l-offerti tkellem kif wasal għar-rakkomandazzjoni li kien għamel fir-rapport tiegħu, u li hu kien għadda quddiem il-bord tal-aġġudikazzjoni għall-konsiderazzjoni tagħhom.

1.03 Il-Kunisllier DeMartino tkellem dwar il-bord tal-aġġudikazzjoni, u qal li l-kompożizzjoni ta' dan il-bord ma tirriflettix ir-rappreżentanza politika preżenti tal-Kunsill – jiġifieri ħames kunsillieri għall-PL u ħamsa oħra għall-PN, u kunsillier indipendenti, u għalhekk ir-rapreżentanza kellha tinbidel biex tkun tirrifletti r-rapreżentanza fil-Kunsill. Il-Kunsillier DeMartino qal li sakemm tinbidel il-kompożizzjoni ta' dan il-bord, il-kunsillieri tal-PN ma kienux ser jaċċettaw ir-rakkomandazzjonijiet li qed isiru dwar it-tenders minn dan il-bord. Hawnhekk il-Kunsillier Agius qabel ma dak li kien qal il-Kunsillier DeMartino u qal li qed jingħaqad ma dak li kien għadu kif intqal.

1.04 Is-Sindku qal li kien qed iżomm lill-Kunsillier DeMartino responsabbli jekk il-Kunsill jitlef il-fondi mill-Ewropa taħt Measure 323 tal-MRRA.

1.05 Il-Kunsillier Sammut qal li l-Kunsill għandu xorta waħda jgħaddi għal vot dwar dan it-tender u għalhekk is-Sindku ressaq għall-vot ir-rakkomandazzjoni tal-bord tal-aġġudikazzjoni fejn is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillieri Sammut, Grech u Fenech ivvutaw favur li dan il-kuntratt jingħata skont ir-rakkomandazzjoni li saret mill-bord, filwaqt li l-Kunsillieri DeMartino, Farrugia, Meilak, Fenech Adami, Mifsud, kif ukoll il-Kunsillier Agius ivvutaw kontra bir-

riżultat li r-rakkomandazzjoni m' għaddietx. Il-Kunsillier DeMartino qal li kienu qed jivvutaw kontra minħabba l-fatt li qed jitolbu li tinbidel il-kompożizzjoni tal-bord tal-aġġudikazzjoni.

**2.00 Tender dwar Restawr ta' Niċeċ (Rapport tal-bord tal-aġġudikazzjoni)**

2.01 Dwar din l-offerta il-Perit Alfred Grech ta spjegazzjoni dwar ir-rapport, u qal li kien hemm offerent wieħed. Hawn spjega ftit fid-dettal dwar ix-xogħol li kien qed jintalab fit-tender, u kif wasal għar-rakkomandazzjoni tiegħu fir-rapport li kien għadda lill-bord tal-aġġudikazzjoni għal konsiderazzjoni tagħhom.

2.02 Is-Sindku hawn talab vot favur li jingħażel il-kuntrattur kif rakkomandat mill-Perit Alfred Grech kif ukoll mill-bord tal-aġġudikazzjoni. Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillieri Sammut, Grech u Fenech ivvutaw favur, filwaqt li l-Kunsillieri DeMartino, Farrugia, Meilak, Fenech Adami, Mifsud, kif ukoll il-Kunisllier Agius ivvutaw kontra bil-konsegwenza li r-rakkomandazzjoni m' għaddietx. Il-Kunsillier Deartino qal li qed jivvutaw kontra għall-istess raġuni mogħtija aktar 'il fuq dwar il-kompożizzjoni tal-bord tal-aġġudikazzjoni.

**3.00 Tender Preparazzjoni ta' Management Plan – Measure 323 (Rapport tal-bord tal-aggudikazzjoni)**

3.01 Il-Perit Alfred Gech spjega dwar ix-xogħol ta' tħejjija li kien meħtieġ li jsir b' konnessjoni mal-proġett ta' Wied l-Isperanza, u qal li kienu ntefgħu żewġ tenders - wieħed mingħand ADI Associates li kien jammonta għall-ewro 56,185.00 (mingħajr VAT), u l-ieħor mingħand l-AIS Environmental Ltd bil-prezz ta' ewro 31,610.00 (ukoll mingħajr VAT). Il-Perit ta numru ta raġunijiet għad-diskrepanza li kien hemm fil-prezz, u qal li fir-rapport tiegħu kien qed jirrakkomanda li jingħażlu l-AIS Environmental Ltd minħabba li kienu l-orħos u bħala esperti kif ukoll bħala esperjenza kienu jissodisfaw il-kriterji li kienu ntalbu.

3.02 Il-Kunsillier DeMartino qal li għalkemm il-bord tal-aġġudikazzjoni ma kienx jirrifletti r-rappreżentanza tal-Kunsill, kemm hu kif ukoll il-Kunsillieri tal-PN kienu ser jivvutaw favur din ir-rakkomandazzjoni u dan sabiex ma jintilfux il-fondi għal dan il-proġett.

3.03 Is-Sindku wara dan ippropona li din ir-rakkomandazzjoni tgħaddi għall-vot fejn il-Kunsillieri kollha, jiġifieri s-Sindku, il-Viċi Sindku, u l-Kunsillieri DeMartino, Sammut, Farrugia, Mifsud, Agius, Fenech, Grech, Meilak u Fenech Adami, ivvutaw favur li l-kuntratt jingħata lill-AIS Environmental Ltd. Għalhekk il-Kunsill aċċetta l-offerta tal-kumpanija AIS Environmental Ltd.

**4.00 Tender PPP**

4.01 Dwar il-PPP tkellem il-Perit Charles Buhagiar u ta spegazzjoni dwar l-iskema tal-PPP, dwar kif kien it-tender, u dwar min kien tefa' l-offerta. Qal ukoll li għalkemm kien hemm offerent wieħed dan kien serju, kapaċi u kellu ħafna esperjenza, u kien għalhekk li qed jirrakkomada li jingħażel dan l-offerent – jiġifieri l-V & C Contractors Ltd

4.03 Il-Perit spjega xi differenzi tekniċi dwar tipi ta' kisi tal-uċuħ tat-toroq, u qal li qed jirrakkomanda li jingħata combined base wearing course, u dan barra milli kien tajjeb xorta waħda, kien ukoll jiġi orħos.

4.04 Is-Sindku qal li għall-ewwel sena il-gvern kien ser jirdoppja s-somma, jiġifieri ewro 320,000.00.

4.05 Is-Sindku ppropona li din ir-rakkomandazzjoni favur li l-kuntratt jingħata lill-V&C Contractors Ltd tgħaddi wkoll għall-vot. Il-Kunsillier DeMartino qal li kemm hu kif ukoll sħabu kienu ser jivvutaw favur din ir-rakkomandazzjoni minħabba li kien hemm closing date li kellha tiġi rispettatha u biex ma jintilfux il-fondi taħt l-iskema tal-PPP.

4.06 Il-Kunsill għalhekk approva bi ħdax-il vot favur, u xejn kontra r-rakkomandazzjoni li dan il-kuntratt jingħata lill-V&C Contractors Ltd.

**5.00 Reżoluzzjoni – KLM Nru 16**

5.01 Hawnhekk is-Sindku qal li din ir-reżoluzzjoni ma setgħetx tiġi diskussa minħabba l-fatt li qal li hu kien ta ruling waqt il-laqgha numru 51, li kienet saret nhar il-Hamis 6 ta' Jannar 2011, u hawn qara l-aħħar parti ta' paragrafu 3.06 li jgħid " Għaldaqstant is-Sindku ta ruling tiegħu minħabba l-fatt li din il-laqgħa kienet kontinwazzjoni tal-laqgħa preċedenti u li l-ewwel kellha tiġi eżawrita l-aġenda kollha qabel ma jitressqu xi items ġodda. Dan l-item seta' jinġieb għall-attenzjoni tal-Kunsill fl-item "Affarijiet Oħra". Barra min dan ikkwota wkoll l-Ordnijiet Permanenti, eżattament artiklu 17 (2) li jgħid "M'għandha ssir ebda diskussjoni dwar rulings mogħtija mis-Sindku".

5.02 Il-Kunsillier DeMartino qal li jidher li s-Sindku ma jridx jiddiskuti l-mozzjoni li kienet preżentata u li tpoġġiet fuq l-aġenda kif stipuat fil-Liġi tal-Kunsilli Lokali. Qal ukoll li s-Sindku ma kienx korrett fl-interpretazzjoni li qed jagħti.

5.03 Hawnhekk il-Kunsill iddeċieda li tintalab direzzjoni min-naħa tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

5.04 Hawnhekk il-Kunsillieri DeMartino, Farrugia, Meilak, Mifsud, Fenech Adami u Agius ħarġu 'l barra mil-laqgħa u minħabba li ma kienx għad fadal kworum il-laqgħa twaqqfet fit-8.25pm.

Dr Paul Chetcuti Caruana
Sindku

Noel Cini
Aġent Segretarju Eżekuttiv